## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 224/2022: **ABSOLUTE SERVICES LIMITED (C68516) V. DIVINA DULAN (KI. 235950A)**

(ĠURISDIZZJONI ESKLUSSIVA TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI TAHT L-ART. 75 TAL-KAP. 452 – KOMPETENZA RATIONE MATERIAE MISTA OSSIA' META QORTI TKUN KOMPETENTI B'MOD ESKLUSSIV LI TISMA L-MATERJA TA' PARTI MINN TALBA JEW TA' WAHDA MIT-TALBIET IŻDA TKUN INKOMPETENTI LI TISMA L-BQIJA TAT-TALBA JEW TAT-TALBIET L-OHRA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' April 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Absolute Services Limited[1] ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") intavolat fil-11 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu talbet lil Divina Dulan ("l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

thallas lis-socjeta' attrici Absolute Services Limited is-somma ta' għaxart elef, u mitejn u sitta u tletin ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu **(€10,236.49)**, liema somma hi rappreżentanti ammont dovut minnek wara li int ksirt klawsola 13 tal-kuntratt ta' l-impjieg tiegħek meta nqast li tirraporta għax xogħol skond l-istess kuntratt mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi. Dan l-ammont jirraprezenta s-somma ta' €9,505.32 li hi l-valur ta' nofs is-salarju tiegħek għas-sena bażi 2022 flimkien ma' l-ammont ta' € 731.17, valur ta' erba' ġimgħat 'notice period' li int ma ħdimtx u trid tħallas lura u dana skond kif jirrizulta mill-*istatement* hawn anness bħala Dok "A" rilaxxjat mis-socjeta' attrici fir-rigward tiegħek u l-kuntratt t'impjieg Dok B; bl-imgħaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-ħlas effettiv;

---

[1] Fol 1-7

wara li rat ir-risposta tal-intimata[2] ppreżentata fit-22 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma', taqta' u tiddeċiedi kwistjonijiet rigwardanti ħlas ta' pagi meta impjegat jitlaq mis-servizz tal-prinċipal stante li tali kwistjonijiet huma fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-Art. 75 tal-Kap. 452;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti kienet imġiegħla tabbanduna l-impjieg minħabba raġuni valida u ġusta ai termini tal-Art. 36(14) tal-Kap. 452 hekk kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-proċeduri. Jiġi rilevat li xhur qabel ma ġew intavolati dawn il-proċeduri l-esponenti intavolat ilment mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti relatat mal-kundizzjonijiet tal-impjieg liema lment għadu pendenti;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, irid jittieħed qies tal-ammont dovut mir-rikorrenti lill-esponenti konsistenti f'arretrati ta' paga, *leave* u *bonuses* li sa llum għadhom mhumiex imħallsa. Dan l-ammont għandu jonqos mill-ammont dovut lir-rikorrenti f'każ li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti m'għandhiex tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali 1103/2021 stante li din ġiet rexissa u ddikjarata nulla permezz ta' sentenza *res judicata* fl-ismijiet "Absolute Services Limited vs Divina Dulan" (Rikors 106/22CG) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Settembru 2022;

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

wara li rat l-eċċezzjoni preliminari mressqa dwar in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti sabiex tisma' l-kawża stante illi din titratta kwistjoni li skond l-intimata taqa' taħt il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali fuq l-eċċezzjoni preliminari magħmula għan-nom

[2] Fol 12

- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Marycien Vassallo, u
- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Veronica-Anne Spiteri,

wara li rat li wara l-imsemmija trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari,

qed tagħti din is-

**Sentenza parzjali**

1. Il-kawża tikkonċerna ammont ta' **<u>€ 10,236.49</u>** li l-kumpanija rikorrenti tgħid li huwa dovut lilha mill-intimata wara li din abbandunat ix-xogħol tagħha u għalhekk temmet ħesrem il-kuntratt t'impjieg tagħha li kellha mar-rikorrenti. L-ammont mitlub jikkonsisti fis-somma ta' € 9,505.32 rappreżentanti nofs is-salarju *"għas-sena bażi 2022"* flimkien mas-somma ta' € 731.17 rappreżentanti dak li r-rikorrenti tikkwalifika bħala *"valur ta' erba' ġimgħat notice period".*

2. Għalkemm ir-rikorrenti donnha qagħdet attenta kif tikkwalifika l-ammont mitlub minnha billi għamlet riferenza biss għal salarju dovut "*għas-sena bażi 2022*"[3] u anqas biss speċifikat data eżatta ta' meta skond hi l-intimata abbandunat ix-xogħol, jidher ċar illi għal dak li għandu x'jaqsam l-ammont ta' € 9,505.32 ir-rikorrenti qed tinvoka l-Art. 36(12) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

> **'36 (12). Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem ...'**

3. Għal dak li għandu x'jaqsam s-somma ta' € 731.17 li r-rikorrenti tippretendi bħala erba' ġimgħat *notice period*, il-Qorti tara illi dak li kellha f'moħħha r-rikorrenti kien illi titlob l-ħlas tal-avviż li ma ngħatax skond l-Art. 36(5) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.[4]

4. L-intimata ppreżentat numru ta' eċċezzjonijiet, bl-ewwel waħda ta' natura preliminari tkun dik illi: *"din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni li tisma', taqta' u*

---

[3] Għalkemm fil-fattura a fol 3 ikkwalifikat dan l-ammont bħala: "*penalty amount due after breach of clause no. 13 in the employment contract*" u *'half your gross salary based on your 2020 for 2 years Euro 795.11 per month"*

[4] Dwar kemm dan jista' japplika fil-każ ta' kuntratt definit din il-Qorti m'hijiex ser tippronunzja ruħha stante illi f'dan l-istadju m'hijiex okkupata bil-mertu tal-vertenza

*tiddeċiedi kwistjonijiet rigwardanti ħlas ta' pagi meta impjegat jitlaq mis-servizz tal-prinċipal stante illi tali kwistjonijiet huma fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-Art. 75 tal-Kap. 452"*

5. Ai termini tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12:

> **'741. L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata -**
> **...**
> **(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha ...'**

6. Inoltre ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12:

> **'730. L-eċċezzjoni ta' <u>inkompetenza</u> jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.'**

7. Id-determinazzjoni ta' din l-eċċezzjoni timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex huwa evidenti li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa', ma jkunx hemm il-ħtieġa li l-Qorti tkompli tqis it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimata.

8. L-Artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jirregola l-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali, jipprovdi kif ġej:

> **'75.(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -**
>
> **(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;**
>
> **(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta'tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u**
>
> **(ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,**

> **għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra ...'**

9. Kif ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Mary Doris sive Doris Camilleri v. St Paul's Court Limited et.</u>** (PA, Ċit Nru. 2019/2001/1 JRM, 25/09/2003):

> *"ġie għadd ta' drabi mfisser mill-Qrati tagħna li l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa (imsejħa "ġurisdizzjoni ordinarja") li jħaddnu dawn il-Qrati, u l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali, mnissla minn dispożizzjoni ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti mfissra f'dak il-liġi speċjali"*

10. Inoltre kif ingħad fis-sentenza ċitata mill-avukat difensur tal-intimat waqt it-trattazzjoni tagħha, dik mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet: **<u>Farrugia Textiles Limited v. Ian Attard</u>** (Talba Nru 109/2022 JG, 25/11/2022):

> *"minn qari tal-artikolu 75(1)(b) tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta magħdud ma' dak li jridu l-artikoli 36(11) u 36(12) tal-istess Kapitolu, hekk kif emendat, u kif in huwa in vigore llum (u kif kien fil-mument tal-preżentata tal-azzjoni odjerna) huwa ċar li l-għan aħħari tal-leġislatur (għalkemm jidher li għad hemm xi problemi fl-aspetti tranżitorji tal-istess emendi) kien li din l-azzjoni bbażata fuq dan it-tip ta' kuntratt tinstema biss quddiem Tribunal speċjalizzat. Illi b'hekk, ġialadarba l-leġislatur ried li jkun it-Tribunal Industrijali li jisma' azzjonijiet bħal dik odjerna, dan it-Tribunal ma jistax jissokta aktar bis-smigħ tal-kawża. Illi per kompletezza mbagħad, jingħad li f'dan il-każ partikolari ma hemm l-ebda djalogu neċessarju dwar xi aspett tranżitorju tal-emendi hawn issa applikati."*

11. Kif qal tajjeb it-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża appena ċitata, wara l-introduzzjoni tal-paragrafu ġdid fl-Art. 75 tal-Kap. 452 li ġie inserit bħala Art. 75(1)(b) permezz tal-Att LVIII tal-2020, issa huwa ċar (fejn qabel ma kienx daqstant) li azzjoni minn min iħaddem kontra l-impjegat tiegħu li jabbanduna kuntratt t'impjieg definit u azzjoni ta' impjegat kontra min iħaddmu li jkeċċih qabel l-iskadenza ta' kuntratt t'impjieg definit, għall-ħlas ta' kumpens ta' nofs is-salarju għaż-żmien li jkun baqa', taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

12. Għalhekk it-talba għal dik il-parti mis-somma mitluba li tirrappreżenta l-kumpens taħt l-Art. 36(12) tal-Kap. 452 (i.e. € 9,505.32) hija talba li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

13. Il-problema li qed tiffaċċja l-Qorti hija illi jidher daqstant ieħor ċar illi t-talba għall-ħlas ta' € 731.17 – li m'huwa xejn ħlief kumpens taħt l-Art. 36(5) tal-Kap. 452 – hija waħda li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva ta' din il-Qorti u mhux tat-Tribunal Industrijali.

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **VistaJet Limited v. Nevise Webb** (TTZ, Talba Nru. 895/15 NHV, 14/04/2016) ingħad illi:

> *"Il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal hija speċfikata fl-Artikolu 75 tal-istess liġi fejn jingħad illi it-Tribunal Industrijali għandu ġurisdizzjoni esklussiva fil-kwistjonijiet kollha ta' tkeċċija allegatament inġusta mill-impjieg u wkoll il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Att iċċitat jew tar-regolamenti preskritti taħtu. It-Titolu I tal-Kapitlu 452 msejjaħ "Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi" jikkomprendi 48 artikoli mifruxa fuq 7 taqsimiet. Mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali, izda biss kull fejn tgħid u tispeċifika dan l-istess liġi. L-eċċezzjoni tal-konvenuta minkejja li hija kopjuża ma tispeċifikax taħt liema minn dawn l-artikoli qiegħda ssir. Ma tgħidx fuq liema dispożizzjoni mit-Titolu I qed issostni l-eċċezzjoni tagħha. Dana ma sarx bi żvista, iżda għaliex kwistjoni bħal ma hija din – rifużjoni ta' notice money, ma taqa' taħt l-ebda wieħed mit-48 artikolu"*

15. Il-liġi Maltija ma tipprovdix għal soluzzjoni meta ikun hemm kompetenza mista, ossia meta Qorti ssib li hija kompetenti *rationae materiae* b'mod esklussiv sabiex tisma' talba jew parti minn talba iżda ssib ukoll li mhjiex kompetenti *rationae materiae* biex tisma' l-parti l-oħra tat-talba jew talba oħra fl-istess kawża.

16. B'analoġija, il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal sitwazzjoni speċifika ta' meta fl-istess kawża, Qorti ikollha kompetenza tisma' waħda mit-talbiet u Qorti/Tribunal ieħor ikollu kompetenza jisma' l-bqija tat-talbiet. L-Art. 16(4) tal-Kap. 69 filfatt jipprovdi illi:

> **'16(4) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-Bord għandu wkoll jiddeċiedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummerċjali u dan għat-termini ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inklużi kawżi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja u kwalunkwe ħsara li tirriżulta matul dan il-perjodu ta' okkupazzjoni:**

> **Iżda kwistjonijiet dwar il-validità ta' kuntratt ta' kirja, għandhom jiġu mistħarrġa mill-qrati ta' ġuriżdizzjoni ċivili, <u>b'dan illi kull kwistjoni oħra in segwitu għad-determinazzjoni ta' tali kwistjonijiet dwar validità</u> (emfasi u sottolinear tal-Qorti) għandha tkun fil-kompetenza tal-Bord tal-Kera.'**

17. Hekk pereżempju fil-kawża fl-ismijiet **<u>Ronnie Camilleri v. Abdalhady Hamood</u>** (PA, Rik Nru 35/20 TA, 10/01/2022) wara li l-Prim' Awla ddeċidiet li tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent li kienet tikkonċerna l-validita' o meno ta' kuntratt ta' kirja, hija ordnat illi l-atti jiġu rimessi lill-Bord Li Jirregola l-Kera biex jgħaddi biex jiddeċiedi l-bqija tat-talbiet tar-rikorrent.

18. Kif ġa ngħad il-liġi proċedurali ma tipprovdix għal din il-possibilita' f'ambitu iktar wiesa meta l-kompetenza *ratione materiae* tad-diversi talbiet f'kawża jkunu ta' Qrati jew Tribunali differenti.

19. Permezz tal-emendi li daħlu bis-saħħa tal-Att IV tal-2016 u l-Att XXXII tal-2018, l-Art. 741(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta issa jipprovdi illi meta l-Qorti tilqa' eċċezzjoni li l-kawża miġjuba quddiemha kellha tinġieb quddiem qorti diversa:

> ***"il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:***
>
> ***Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża"***

20. Lanqas l-Art. 741(b) ma' jipprovdi għal x'għandu jsir meta l-Qorti ssib li għandha ġurisdizzjoni *ratione materiae* biex tisma' parti minn kawża iżda mhux partijiet oħra. Fil-passat dan ma fixkilx lil din il-Qorti milli tapplika l-Art. 741(b)

f'sitwazzjonijiet li mhumiex strettament kontemplati fl-istess artikolu.[5] F'dan ix-xenarju l-Qorti trid ta' bilfors timprovizza u tittenta toffri soluzzjoni bit-tama li din twassal għall-eżitu finali ta' din il-vertenza f'qasir żmien.

21. Il-Qorti sejra għalhekk tapplika d-disposizzjonjiet tal-Art.741(b) tal-Kap. 12 billi fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju titrasferixxi l-atti lit-Tribunal Industrijali sabiex dan jieħu konjizzjoni tagħha limitatament għat-talba għal dik il-parti mis-somma mitluba li tirrappreżenta l-kumpens taħt l-Art. 36(12) tal-Kap. 452 (i.e. € 9,505.32). Dan sejjer isir permezz ta' digriet *in camera* li ser jingħata kontestwalment ma' din is-sentenza parzjali. Fl-istess digriet il-Qorti sejra ukoll umilment tirrakkomanda lit-Tribunal Industrijali sabiex darba jiddisponi mill-vertenza illi taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tiegħu, jirrimetti lura l-atti lil din il-Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kawża però limitatament għat-talba għall-ħlas ta' € 731.17 rappreżentanti l-ammont ta' *notice money.*

22. Il-Qorti qegħda konxjament tagħżel illi tirrimetti l-atti lit-Tribunal Industrijali **qabel** ma' tkompli tisma' t-tieni parti tal-kawża għaliex huwa ovvju illi l-kawża prinċipalment tikkonċerna l-ħlas tal-kumpens ai termini tal-Art. 36(12) tal-Kap. 452 – filfatt il-kumpens mitlub jirrappreżenta 93% tas-somma sħiħa mitluba fil-kawża – u jista' jagħti l-każ li wara illi tiġi deċiża l-ewwel parti tal-kawża mit-Tribunal Industrijali parti jew oħra f'din il-kawża tirregola ruħha sabiex ma jkunx hemm spejjeż inutli bit-tkomplija tal-proċeduri (għal 7% tas-somma sħiħa) quddiem din il-Qorti.

**Deċiżjoni**

23. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tilqa' *in parte* l-eċċezzjoni preliminari tal-intimata u tiddikjara illi m'għandiex kompetenza *"ratione materiae"* sabiex tisma' l-kawża in kwantu din tirreferi għat-talba għall-ħlas tas-somma ta' € 9,505.32, liema parti tal-kawża għandha minflok tinstema' mit-Tribunal Industrijali qabel ma dan jirrimetti lura l-atti lill-Qorti għat-tkomplija tas-smiegħ fuq it-tieni parti tal-kawża.**

---

[5] Hekk pereżempju fis-sentenza **RX Construction Ltd v. Jesmond Friggieri (Rik 231/2019 VGA, 11/01/2021)**, il-Qorti qieset illi ġaladarba l-kontrotalba hija kawża awtonoma u independenti mit-talba tar-rikorrenti hija tista' tapplika d-disposizzjonjiet tal-Art. 741(b) tal-Kap. 12 sabiex fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex ma' jkunx hemm dupplikazzjoni bla bżonn ta' proċeduri ġudizzjarji, titrasferixxi il-kontrotalba – bħala azzjoni awtonoma – lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar sabiex dan jieħu konjizzjoni tagħha.

**L-ispejjeż huma a karigu tal-intimata.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |